

## FTEHIM

### IL-KUMMISSJONI

#### **Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka, dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali**

Skont l-Artikolu 3(2) tal-Ftehim tad-19 ta' Ottubru 2005 bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali<sup>(1)</sup> (minn hawn 'il quddiem 'il-Ftehim), konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/325/KE<sup>(2)</sup>, kulfzejn jiġu adottati emendi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi fil-qasam ċivili u kummerċjali<sup>(3)</sup>, id-Danimarka għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tagħha jekk timplimentax jew le l-kontenut ta' dawn l-emendi.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009<sup>(4)</sup> dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbi, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment ġie adottat fit-18 ta' Diċembru 2008. L-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 4/2009 jistipula li, skont id-dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni fl-Artikolu 75(2) tar-Regolament (KE) Nru 4/2009, ir-Regolament (KE) Nru 4/2009 għandu jimmodifika r-Regolament (KE) Nru 44/2001 billi jieħu post id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament applikabbi għal kwistjonijiet li jirrigwardaw l-obbligi tal-manteniment.

F'konformità mal-Artikolu 3(2) tal-Ftehim, permezz ta' ittra tal-14 ta' Jannar 2009, id-Danimarka nnotifikat lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha li timplimenta l-kontenut tar-Regolament (KE) Nru 4/2009 safejn dan ir-Regolament jemenda r-Regolament (KE) Nru 44/2001. Dan ifisser li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 4/2009 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbi, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment se jiġu applikati għar-relazzjoni jippej bejn il-Komunità u d-Danimarka bl-eċċeżżoni tal-Kapitoli III u VII. Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2 u l-Kapitolo IX tar-Regolament (KE) Nru 4/2009, madankollu, huma applikabbi biss safejn jirrigwardaw il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent, l-infurzabilità u l-infurzar tas-sentenzi, u l-aċċess għall-ġustizza.

F'konformità mal-Artikolu 3(6) tal-Ftehim, in-notifika tad-Danimarka toħloq obbligi reċiproċi bejn id-Danimarka u l-Komunità. Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 4/2009 jikkostitwixxi emenda għall-Ftehim safejn jemenda r-Regolament (KE) Nru 44/2001 u huwa meqjus bħala anness għalih.

B'referenza għall-Artikolu 3(3) u (4) tal-Ftehim, l-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq tar-Regolament (KE) Nru 4/2009 fid-Danimarka tista' sseħħ amministrattivament taħt it-TaqSIMa 9 tal-Liġi Danja Nru 1563 tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Regolament Brussell I u għaldaqstant ma tirrikjedix l-approvazzjoni tal-Folketing. Il-miżuri amministrattivi neċċesarji daħlu fis-seħħ mad-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 4/2009 tat-30 ta' Jannar 2009.

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2005, p. 62.

<sup>(2)</sup> ĠU L 120, 5.5.2006, p. 22.

<sup>(3)</sup> ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1.